**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 29 ta' Novembru, 2023**

Numru 6

**Appell Nru. 27/2023**

**Emanuel sive Noel Ciantar**
**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar u**
**l-kjamat in kawza Renald Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Emanuel Ciantar tal-31 ta' Mejju 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-11 ta' Mejju 2023 li biha laqa' l-eccezzjoni tal-applikant li t-talba tal-appellant odjern ghal revoka jew tibdil tal-permess PA2708/14 skont l-artikolu 80 ta-Kap. 552 kienet improponibbli u kwindi nulla;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-applikant li wkoll issottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:

Illi dan l-appell gie ntavolat minn terz fil-konfront tad-decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar ghac-cahda tat-talbiet fil-konfront talpermess PA02708/14, liema permess jirrigwarda twaqqiegh ta' strutturi u konstruzzjoni ta' zewg residenzi. Is-sit in mertu jifforma parti min Category 3 rural settlement u jinsab fi Triq Santa Katerina, ir-Rabat.

Illi t-talba fil-konfront tal-permess PA02708/14 quddiem l-Awtorita kienet abbazi ta' tlett (3) ragunijiet li jinkludu s-segwenti:

i. Talba ghal revoka jew tibdil tal-permess ai termini tal-Artikolu 80 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, f'liema talba jigi ndikat li fid-dikjarazzjonijiet ta' Dr. Borg li jirrigwardaw il-propjeta in kwistjoni gie ndikat li l-propjeta ser tintuza bhala residenza ordinarja tieghu. Gie ndikat li madankollu l-applikazzjoni PA02708/14 tirrigwarda zewg residenzi u li din giet sottomessa fl-isem ta' Renald Azzopardi li kien ingaggat min Dr. Borg sabiex jagixxi ghan-nom tieghu. Saret ukoll referenza ghar-rakkomandazzjonijiet u konkluzjonijiet tar-rapport tal-ufficcju tal-Ombudsman fil-kaz numru EP 0032, u jigi ssottolineat li fil-permess odjern PA02708/14 l-Awtorita njorat id-daqs tal-floorspace li huwa ferm ikbar min 200 m.k., kif ukoll li minhabba li l-bini ezistenti jammonta ghal footprint ta' 95 m.k. u li fit-termini ta' policies tal-Pjan Lokali ma jistax isir zvilupp li jirrizulta fit-tehid ta' art vergni, il-bini seta` biss jigi redeveloped f'dar wahda;

ii. Talba taht l-Artikolu 80 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp sabiex isir "review" tal-permess odjern PA02708/14 skond ir-rakkomandazzjonijiet u konkluzjonijiet tar-rapport tal-ufficcju tal-Ombudsman fil-kaz numru EP 0032;

iii. Talba ghal sospensjoni tal-applikazzjoni PA05334/18 sakemm jigu decizi t-talbiet dwar l-Artikolu 80 fuq il-permess odjern (inkluz process ta' appell).

Illi permezz tal-appell odjern, l-appellant ressaq hames (5) aggravji li jinkludu s-segwenti:

1) Illi numru ta' membri tal-Bord tal-Ippjanar li ddecidew dwar il-permess odjern u l-permess PA05334/18 waqt is-smiegh pubbliku tas-7 ta' Marzu 2019 kellhom kunflitt ta' nteress ghaliex fil-mument tad-decizjoni Dr. Ian Borg kien il-Ministru responsabbli mill-Awtorita tal-Ippjanar u ghalhekk kien responsabbli wkoll mill-hatra u sostituzzjoni tal-membri ta' dan ilBord. Jindika li numru ta' membri li l-hatra u s-sostituzzjoni taghhom huma maghzula mill-Ministru responsabbli millAwtorita, u li dawn il-membri ma mxewx ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 13(1) u Paragrafu 6 tat-Tieni Skeda tal-Kapitlu 552 dwar il-kunflitt ta' nteress. Jaghmel referenza ghall-Artiklu 63 tal-Kapitlu 552 li jirrigwarda l-hatra ta' numru ta' membri tal-Bord tal-Ippjanar u jargumenta li kien hemm sitwazzjoni ta' kunflitt ta' nteress fejn il-lealta' u l-interess personali ta' dawk il-membri setghat taffettwa hazin id-doveri taghhom. Jindika li fl-ittra tal-5 ta' Marzu 2019 huwa talab li dawk il-membru li ghandhom kunflitt ta' nteress jirregolaw ruhhom, u li tali talba saret ukoll fil-bidu tas-smiegh pubbliku tas-7 ta' Marzu 2019. Jindika wkoll li waqt din il-laqgha kien hemm ammissjoni cara li l-membri tal-Bord kellhom kunflitt ta' nteress, u li madankollu ma rregolawx ruhhom. Jindika wkoll li l-Kapitlu 552 huwa car u kategoriku dwar x'ghandu jaghmel membru tal-Bord f'kaz li dan ikollu nteress dirett jew indirett, u li dan ma jaghti l-ebda diskrezzjoni lill-ebda membru dwar x'ghandu jaghmel f'dawk il-kazi. Jindika wkoll li huwa jemmen li fil-Bord tal-Ippjanar kien hemm bizzejjed membri li ma ghandhomx kunflitt ta' nteress ghax ma jintazlux u ma jistghux jigu sostitwiti mill-Ministru

responsabbli millAwtorita' u li decizjoni tkun tista' tittiehed minghajr problemi ta' quorum bis-sahha ta' Paragrafu 6 tat-tieni Skeda tal-Kapitlu 552.
2) Illi fl-imsemmija laqgha pubbliku tas-7 ta' Marzu 2019 kien hemm nuqqas ta' smiegh gust u xieraq, b'seba (7) punti ewlenin jigu sollevati hekk kif gej:
i. Illi filwaqt li l-Awtorita' ghazlet li tirrispondi ghat-talbiet tieghu maghmula fl-ittra tas-16 ta' Ottubru 2018 b'aggornament tad-DPAR, u hadet aktar min erba' xhur biex taghmel dan, il-perjodu moghti mill-Awtorita sabiex huwa jibghat is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub kien biss ghaxart'ijiem. Jargumenta li dan zmien qasir wisq kemm sabiex huwa seta` jaghmel is-sottomissjonijiet bil-miktub, u sabiex il-membri tal-Bord u d-detentur talpermess kontestat, jarawhom sew. Jkompli jargumenta li l-Awtotita' messa ppermettiet zmien aktar u jindika li filkaz tal-applikazzjoni PA05334/18, l-Awtorita' tat notifika ta' tlett gimghat qabel is-smiegh pubbliku;
ii. Illi huwa kellu presentation li seta' juriha fuq projection, izda s-segtetarju tal-Bord ma setax jipprezentaha minhabba li dan ma kienx batha bil-quddiem. Jargumenta li qatt ma gie nfurmat bil-quddiem dwar dan u lanqas kien ikun gust li jikxef l-istrategija tieghu qabel is-smiegh. Jindika li r-rapprezentanti tad-Direttorat tal-Ippjanar ghamlu presentation bil-projection, u li l-presentation tieghu kellha l-funzjoni li tispjega l-fatti b'mod vizwali b'serje ta' diagrams. Jindika li ladarba huwa ma thalliex jaghmel din il-presentation, huwa llimita ruhu billi qassam 10 kopji li ma kienux bizzejjed ghall-membri kollha tal-Bord, u li l-pubbliku u l-media ma setghux isegwu l-presentation;
iii. Illi numru ta' membri tal-Bord tal-Ippjanar kellhom kunflitt ta' nteress dwar il-permessi PA02708/14 u PA05334/18 li dwaru ma mxewx ma' dak li tistipola l-ligi fl-Artiklu 13 u Paragrafu 6 tat-Tieni Skeda tal-Kapitlu 552;
iv. Illi numru ta' membri tal-Bord tal-Ippjanar kellhom nuqqas ta' oggettivita' u mparzjalita' dwar il-permessi PA02708/14 u PA05334/18 ghaliex kienu diga' involuti f'decizjonijiet jew stqarrijiet pubblici dwar dawk ilpermessi, bil-membri ndikati huma il-Perit Vincent Cassar, il-Perit Elizabeth Ellul, is-Sur Johann Buttigieg, l-Onorabbli Dr. Marthese Portelli, u l-membru li jirrapprezenta lill-NGOs;
v. Illi s-smiegh pubbliku tas-7 ta' Marzu 2019 setghu kienu suggett ta' pressjoni minn Dr. Borg li huwa l-Ministru responsabbli mill-Awtorita'. Jargumenta li fejn tidhol it-twettiq tal-gustizzja, il-percezzjoni tghodd daqs il-fatti, u li l-gustizzja mhux biss trid issir izda trid ukoll tidher li qed issir. Jaghmel referenza ghall-email datata l-1 ta' Marzu 2019 fil-process tal-appell numru 474/18, filwaqt li jindika li l-Kapitlu 552 ma jaghtiex dritt jew diskrezzjoni sabiex l-applikant jiddeciedi dwar jekk u meta jsir is-smiegh ta' talba taht l-Artikolu 80. Jikkonkludi billi jindika li t-talba tal-applikant tal-Ministru responsabbli mill-Awtorita' hija pressjoni zejda u mhux dovuta fuq l-Awtorita u l-Bord tal-Ippjanar;
vi. Illi x-xenarju waqt is-smiegh pubbliku kien zbilancjat kontrih stante li l-Awtorita' kienet prezenti f'zewg irwoli flistess process, fejn fuq naha minnhom kien hemm il-Bord tal-Ippjanar li kien jinkludi membri li ghandhom kunflitt ta' nteress u ohrajn li kellhom pregudizzju dwar il-kaz, u fuq naha ohra kien hemm id-Direttorat tal-ippjanar rapprezentat minn avukat li kien assistit minn avukata ohra. Indika wkoll li l-applikant u detentur tal-permess odjern ma deherx u lanqas ma deher rapprezentant tieghu, u jargumenta li minflokk ma' l-applikant iddefenda lpermess, kien id-Direttorat tal-Awtorita li kien qed jidher biex jiddefendi lill-applikant u detentur tal-permess. Isaqsi ghalfejn l-Awtorita' hadet l-inkarigu li tiddefendi l-permess u jargumenta li l-agir tal-Awtorita jiehu dimensjoni ohra meta wiehed izid il-fatt li l-beneficjarju tal-permess huwa l-Ministru responsabbli mill-Awtorita';
vii. Illi t-talba tieghu ghar-ragunijiet ghad-decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar ma gietx milqugha, u jargumenta li huwa principju baziku ta' gustizzja li fejn xi hadd jigi mcahhad talba minn awtorita pubblika, dan ghandu jinghata lispjegazzjoni bil-miktub;
3) Illi l-ewwel t-talba tieghu ghal revoka jew tibdil tal-permess odjern giet michuda meta l-fatti prezentati mat-talba fl-ittra tieghu datata 1 6 t'Ottubru 2018 juru li fl-2014 1-Awtorita' approvat dan il-permess abbazi ta' informazzjoni, dikiarazzjoniet jew pianti meta tali huma foloz u/jew ma jirriflettux is-sitwazzioni, b'dawn jikkostitwixxu frodi kif definit flArtikolu 80(2).

Jaghmel referenza ghall-fatti u l-argumenti tieghu elenkati fid-dokumenti 2, 5 u 7 li gew annessi mar-rikors tal-appell, u ma' dan izid erba punti ohra li huma:
i. Fis-smiegh pubbliku tas-7 ta' Marzu 2019, il-Bord tal-Ippjanar ma tax ir-ragunijiet tad-decizjoni tieghu, u ma tahomx bil-miktub;
ii. Informazzjoni/dikjarazzioni/pjanta ohra li fiha falzita' jew ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit jew hija erronja jew zbaljata, li trid tizdied mal-fatti;
iii. Ir-ragunijiet li ghalihom japplika Artiklu 80 huma definiti fl-istess artiklu;
iv. Il-ligi tissuggetta r-ragunijiet ghal test ta' "incidenza materjali" li taghha taghti definizzjoni bbazata fuq test ta' "kieku".
4) Illi t-tieni t-talba tal-appellant sabiex il-Bord tal-Ippjanar jaghmel "review" tal-permess odjern skond ir-rakkomandazzjonijiet u konkluzjonijiet tar-rapport tal-ufficcju tal-Ombudsman fil-kaz numru EP 0032 giet michuda. Jindika li din irrakkomandazzjoni kienet giet accettata mil-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni, u li din it-talba hija konnessa massuggett ta' wiehed mill-aggravji tal-appellant fl-appell numru 474/18. Jkompli billi jindika li l-fatti u l-argumenti tieghu f'dan irrigward huma dawn elenkati fid-dokumenti 2 u 5 li gew annessi mar-rikors tal-appell, u l-applikazzjoni tal-appell tieghu dwar PA05334/18 fl-appell 474/18, u b'hekk jitlob li dawn jitqiesu bhala parti integrali minn dan l-appell. Jigbed l-attenzjoni gharraguni li l-ufficcju tal-Ombudsman kien qed jitlob "review" tal-permess PA/02708/14, u b'referenza ghar-risposta talAwtorita tal-25 ta' Frar 2019, jargumenta:
i. Illi t-tieni talba tieghu hija fondata fil-fatt ghaliex il-konkluzjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-ufficcju talOmbudsman hargu minn investigazzjoni amministrattiva li hija fil-mansjoni kostituzzjonali ta' dak l-ufficcju, u ghaliex huwa bhala cittaddin ghandu dritt jaghmel talbiet lill-awtoritajiet sabiex iwettqu rimedji li johorgu minn konkluzjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' ufficcju kostituzzjonali bhalma huwa l-ufficcju tal-Ombudsman.
ii. Illi l-Artiklu 80 jirrigwarda "zball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument" ("error on the face of the record"), u jindika li qed jikkwota opinjoni ta' ufficjal legali tal-Ufficcju tal-Ombudsman li xxandret fil-media fl2012 li fiha inghad li permess tal-izvilupp jista' jigi revokat (jew modifikat) jekk ikun sar zball mill-Awtorita. Jerga jaghmel referenza ghall-konkluzjoni w rakkomandazzjonijiet fir-rapport tal-ufficcju tal-Ombudsman, u jsostni li dan ir-rapport huwa bazi sabiex il-permess odjern jigi revokat jew modifikat minhabba zball gravi min-naha tal=Awtorita.
5) Illi t-tielet t-talba tieghu ghal sospensjoni tal-applikazzjoni PA05334/18 sakemm jigu decizi t-talbiet dwar l-Artikolu 80 fuq il-permess odjern (inkluz process ta' appell) giet michuda, u fil-fatt nhar it-23 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni tal-Ippjanar baqghet ghaddejja bid-decizjoni taghha dwar l-imsemmija applikazzjoni PA05334/18. Jindika li din ittalba hija wkoll is-suggett ta' wiehed mill-aggravji fl-appell numru 474/18, u li l-fatti u l-argumenti tieghu f'dan irrigward huma dawn elenkati fid-dokumenti 2 u 5 li gew annessi mar-rikors tal-appell, u l-applikazzjoni tal-appell tieghu dwar PA05334/18 fl-appell 474/18. Jargumenta li d-decizjoni moghtija fit-23 ta' Ottubru 2018 ippregudikat ittalbiet tieghu tas-16 ta' Ottubru 2018, u li hemm riskju li dan l-istess Tribunal jippegudika l-imsemmija talbiet f'kaz li dan jaccetta d-decizjoni tal-Awtorita' dwar il-PA05334/18 qabel ma jkunu decizi dawn it-talbiet. Jindika li lapplikazzjoni PA05334/18 isserrah fuq il-permess odjern u li gialadarba il-legalita' o meno tal-permess odjern qed tigi attakkata, l-Awtorita' kellha tistenna l-ezitu ta' dawn it-talbiet qabel ma tiddeciedi l-PA05334/18 ghaliex dawn ikunu qed jippregudikaw il-process guridiku li jinkludi l-process ta' appell kemm quddiem dan it-Tribunal u eventwalment quddiem il-Qorti. Jindika wkoll illi:
i. L-pozizzjoni mehuda fir-risposta tal-Awtorita' fir-rigward tal-aggravju relatat fl-appell dwar il-PA05334/18 u fir-risposta taghha tal-25 ta' Frar 2019 hija li l-Awtorita' ma ghandha l-ebda poter sabiex tissospendi applikazzjoni ghal permess iehor f'kaz ta' talba taht Artiklu 80, u jargumenta li regolamenti 13(1) u 13(2) talligi sussidjarja 552.13 jipprovdu li l-Executive Chairman jista' jirtira kull applikazzjoni mill-agenda ghal revizjoni ulterjuri. Jindika li fis-smiegh pubbliku tas-7 ta' Marzu 2019, l-Executive Chairman is-Sur Buttlgieg qal li hu ma kienx hass li hemm bzonn ta' izjed verifici u ghalhekk PA/05334/18 ma gietx sospiza, u jargumenta li din ir-risposta m' hijiex konsistenti mar-risposta bil-miktub tal-Awtorita', u li

regolamenti 13(1) jippretmetti biss li l- Executive Chairman jirtira applikazzjoni mill-agenda u mhux li jiddeciedi jekk tkunx mehtiega revizjoni ulterjuri.
ii. Fis-7 ta' Marzu 2019, wara s-smiegh pubbliku fil-Bord tal-Ippjanar, kien hemm l-ahhar smiegh tal-appell numru 474/18, u ssir referenza ghaz-zewg sitwazzjonijiet ossia:
a) Fis-smiegh pubbliku tal-24 ta' Jannar 2019 fl-appell numru 474/18, ic-Chairman tat-Tribunal b'referenza ghall-permess PA/02708/14 kien qal li sakemm ma jkunx hernm appell dwar il-permess quddiem itTribunal, tali permess jitqies bhala validu. Jargumenta li huwa ma jaqbilx ma' dan ir-ragunament stante li lArtiklu 80 jaghti dritt lil kull persuna li tattakka il-validita ta' permess bi dritt ta' appell quddiem it-Tribunal u l-Qorti. Ikompli billi jindika li dan huwa appell skond il-ligi dwar il-PA02708/14, u ghaldaqstant skont kif qal ic-Chairman, tali permess ma jistax jibqa' jitqies bhala permess legalment validu izda ghandu jitqies bhala permess kontestat u sub-judice;
b) Issir referenza ghar-risposta bil-miktub tal-Awtorita tal-14 ta' Jannar 2019 fl-appell numru 474/18 b'reazzjoni ghat-tieni aggravju tal-imsemmi appell, u ghal darb'ohra jargumenta li kif argumentat fl-ewwel punt, il-permess odjern ma jistax jibqa' jitqies bhala permess legalment validu.

Illi fir-risposta inizjali tal-applikant (prezentament permit holder) jigi ndikat li l-appell odjern huwa frivolu u vessatorju u li dan ghandu jigi michud ghas-segwenti ragunijiet:
●B'mod preliminari jindika li talba li l-appellant ghamel permezz ta' ittra tas-16 ta' Ottubru 2018 saret abbazi tal-Artikolu 80 tal-Kapitolu 552. Jargumenta li dan il-provvediment tal-ligi mhux applikabbli ghal kaz odjern stante li l-imsemmi Artikolu 80 dahal fis-sehh fis-sena 2016, mentri l-permess in kwistjoni gie approvat f'Dicembru 2014 meta l-ligi applikabbli kien il-Kapitolu 504. Issir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Mallia vs. l-Awtorita ta Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-11 ta' Lulju 2016, u jargumenta li l-provvedimenti ta' l-Artikolu 80 ma jistghux jigu applikati ghall-permess li ma giex approvat a bazi tal-Kapitolu 552;
●Fir-rigward tal-ewwel aggravju ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Ciantar vs. Awtorita et. tad- 19 ta' Gunju 2019, u jindika li f'din id-decizjoni gie trattat u deciz aggravju identiku ghal dan, din id-darba dwar ilmembri tal-Kummissjoni dwar l-Ippjanar;
●Fir-rigward tat-tieni aggravju jindika li z-zmien moghti lill-appellant ghas-seduta tas-7 ta' Marzu 2019 huwa l-istess zmien li nghata lill-appellat sabiex jara is-sottomissjoni tal-appellant kif ukoll ir-risposta ta' l-Awtorita ghall-istess talba. Jindika li l-Awtorita tirregola il-procedura taghha, u li fl-ebda ligi ma jezisti xi dritt li terza persuna taghmel presentation tramite projection, filwaqt li l-Awtorita` kellha dritt li titlob il-presentation sabiex tassigura ruhha li ma jkunx hemm problemi ghall-infrastruttura tal-IT ta' l-istess Awtorita. Ikompli jindika li l-kaz tal-appellant kien imsejjes fuq it-talba li huwa ghamel u li kienet fil-pussess tal-membri tal-Bord u mhux fuq xi power point presentation, u fir-rigward tal-kumplament talaggravvju ssir referenza ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Kunsill Lokali Pembroke vs. Awtorita et. tad- 19 ta' Gunju 2019. Jindika li l-kaz m' huwiex dwar l-applikazzjoni PA02708/14 izda dwar jekk kienx hemm bazi taht l-Artikolu 80 sabiex il-permess PA 2708/154 jigi revokat jew emendat, filwaqt li l-ittra li kienet intbatet rigward il-PA 5334/18 b'referenza ghall-kaz PA 2708/14 saret in buona fede u dan stante li waqt l-appell mill-kaz PA05334/18, lappellant kien talab li dak l-appell jieqaf sakemm jistenna l-ezitu tal-kaz odjern abbazi ta' l-Artikolu 80. Ikompli jindika li t-talab lill-Awtorita saret stante it-talba ta' soprasessjoni kif ukoll ir-referenza kontinwa li kienet qeghda ssir ghall-istess procedura taht l-Artikolu 80, u jindika li r-rapprezentant legali tal-applikant u d-detentur tal-permess odjern kienu prezenti ghas-seduta. Jikkonkludi billi jindika li l-kaz gie pprocessat mid-Direttorat ta' l-Ippjanar, u il-Bord ha vot fuq it-talba talappellant u fuq ir-rakkomandazzjoni tad-Direttorat, bir-ragunijiet huma ben spjegati fl-istess rapport;
●Fir-rigward tat-tielet aggravju jindika li l-Awtorita kienet korretta meta b'vot unanimu mill-membri tal-Bord iddecidiet illi ma kienx hemm kaz taht l-Artikolu 80, u dana stante li ma kien hemm l-ebda frodi jew zball skont id-dettami ta' l-istess artikolu. Jkompli jindika li l-procedura

uzata kienet wahda korretta, u li l-identita ta' l-applikant m'hijiex materja rilevanti fl-ippjanar stante li l-Awtorita tiprocessa applikazzjonijiet ta' siti, indipendentement mill-applikant;
●Fir-rigward tar-raba` aggravju jindika l-Awtorita hija marbuta li tirrevedi permess ta' l-izvilupp biss skont l-Artikolu 80, u taht l-ebda cirkostanza ohra. Jindika li suggeriment tal-Ombudsman ma kienx imsejjes fuq dak li jghid l-Artikolu 80, u jaghmel referenza ghar-risposta ta' l-Awtorita ghall-appell odjern u jaghmel tieghu tali punti;
●Fir-rigward tal-hames aggravju jindika li l-mertu ta' dan gia gie deciz mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell suriferita [Sottomissjoni datata 28 ta' Gunju 2019].

Illi fir-risposta inizjali l-Awtorita' baqghet ferma fil-pozizzjoni taghha, b'din tipprovdi diversi kummenti bhala risposta ghall-aggravji mressqa, li principarjament jinkludu s-segwenti:
●Illi l-appell odjern johrog il-barra mill-parametri mill-Artikolu 80 tal-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta u l-appellant qed jittenta li jappella mid-decizjoni tal-permess, u dan meta huwa ma kienx registered objector fil-process tal-applikazzjoni PA02708/14, ossia l-applikazzjoni odjerna, u ghaldaqstant huwa ma setax u nfatti ma appellax la quddiem it-Tribunal u wisq anqas quddiem il-Qorti tal-Appell (mid-decizjoni tal-approvazzjoni tal-PA02708/14);
●Fir-rigward tal-ewwel aggravju tindika li dan ma jaqax fil-parametri tal-Artikolu 80, li l-membri tal-Bord tal-Ippjanar huma indipendenti u nies ta' integrita li m'ghandhomx relazzjoni mal-Ministru, u li l-appellant naqas milli jindika fejn jinsab il-kunflitt ta' interess. Targumenta li l-Awtorita hija entita indipendenti mill-Ministru, u li l-membri tal-Bord huma ukoll indipendenti mill-Awtorita, filwaqt li tosserva li l-appellant naqas milli jindika min huma dawk il-membri li kellhom jirrikuzaw ruhhom, filwaqt li tosserva li l-interpretazzjonijiet tal-appellant tal-Artikolu 13(1) tal-Kapitolu 552 u talparagagrafu 6 tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 552 huma skorretti. Tkompli tindika li l-Ministru fil-veste tieghu ta' cittadin flimkien mal-mara tieghu ghandhom kull dritt li jintavolaw applikazzjoni quddiem l-Awtorita, u targumenta li f'kaz li jigi ddikjarat li jezisti kunflitt ta' interess, dan jirrizulta f'sitwazzjoni li qed issir diskriminazzjoni, u finalment tindika li lapplikazzjoni odjerna lanqas biss kienet giet intavolata mill-Ministru;
●Fir-rigward tat-tieni aggravju tindika li dan ma jaqax fil-parametri tal-Artikolu 80, u fir-rigward tal-punti mqajjma tkompli billi tindika:
i. Illi l-ligi ma taghti ebda terminu ta' tlett (3) gimghat, filwaqt li l-perjodu t'ghaxart (10) ijiem kienu ferm sufficjenti partikolarment meta t-talba tal-appellant kienet wahda voluminuza. Tindika wkoll li l-appellant qed ihallat kaz taht l-Artikolu 80 ma' applikazzjoni li ghadha ma gietx deciza;
ii. Illi l-appellant qed jikkontradixxi lilu nnifsu meta f'waqt wiehed jghid li s-Segretarju tal-Bord ma nfurmahx u fl-istess waqt jammetti li hu xorta ma riedx jaghti kopja tal-presentation bil-quddiem lill-Bord tal-Ippjanar. Tindika wkoll li lpresentation tal-appellant giet imqassma lill-membri tal-Bord, u li waqt is-smiegh ma kien hemm ebda persuna millmedia, filwaqt li huma l-membri tal-Bord li fl-ahhar mill-ahhar jiehdu d-decizjoni;
iii. Illi kieku kull membru li l-appellant qed jallega li kellu kunflitt ta' interess kellu jirrikuza ruhu, kieku l-quorum zgur ma kienx jintlahaq, u li c-CEO tal-Awtorita is-Sur Johann Buttigieg lanqas biss ta' l-vot tieghu waqt is-smiegh;
iv. Illi l-ittra msemmija fil-hames punt giet ippubblikata bhal ma jigi ppubblikat kull dokument iehor u din bl-ebda mod m'ghandha tigi ntepretata bhala xi forma ta' pressjoni;
v. Illi bhalma jigri f'kull applikazzjoni li jigu determinati mill-Bord tal-Ippjanar, ikun hemm prezenti l-applikant, idDirettorat u l-Bord tal-Ippjanar, u fil-kaz odjern id-Direttorat hass li ma kien hemmx aggravju minnhom li jaqa' taht lArtikolu 80 u ghalhekk irrakomandat li l-permess m'ghandux jigi revokat. Tispjega li huwa dmir tad-Direttorat li jirrispondi ghal talba taht l-Artikolu 80, u li jekk l-applikant jaghmilx risposta jew jippartecipax fis-smiegh pubbliku ma taghmel l-ebda differenza fil-posizzjoni tad-Direttorat;
vi. Illi fil-kaz odjern il-membri tal-Bord tal-Ippjanar qablu b'mod unanimu mar-rakkomandazzjonijiet tad-Direttorat;
●Fir-rigward tat-tielet aggravju tindika li filwaqt li l-applikazzjoni saret f'isem Renald Azzopardi, fis-Certificate B gie indikat li l-applikant ma kienx sid il-proprjeta u li s-sid tal-proprjeta kien ser jigi notifikat, b'dan tal-ahhar kien jaf bl-imsemmi zvilupp u ma kellu ebda

oggezzjoni ghal tali. Tindika li l-argumenti mressaq mill-appellant quddiem il-Bord “ma jammontawx ghall-frodi, informazzjoni skorretta jew zbaljata, żball f’dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument u jew li jistghu jaffettwaw is-sigurta pubblika.” u kien proprju ghalhekk li d-Direttorat waqt l-istess seduta indika li ma kellux ghalfejn jidhol fil-kwistjoni li tali allegazzjonijiet ma kellhomx effett materjali fuq id-decizjoni tal-hrug tal-permess. Tichad ukoll li s-Sur Buttigieg f’xi hin ammetta li kien hemm xi frodi jew informazzjoni skorretta jew zbaljata, u tishaq li l-appellant qed jinterpreta b’mod zbaljat l-Artikolu 80 ghaliex l-allegazzjonijiet tal-appellant ma kellhom ebda incidenza materjali fuq il-hrug tal-permess odjern. Targumenta wkoll li l-allegazzjoni li d-decizjoni tal-Awtorita kienet tkun differenti f’kaz li lapplikant kif jidher bhala Dr. Borg huwa frivolu u vessatorju ghaliex l-applikazzjoni tigi evalwata skond il-mertu taghha inkluz il-pjanti u l-policies relattivi;

●Fir-rigward tar-raba` aggravju tindika li dan ma jaqax fil-parametri tal-Artikolu 80, filwaqt li b’referenza ghar-rapport talOmbudsman tindika li dan ir-rapport jirreferi ghall-fatt li hemm infill area b’kejl ta’ circa 25 m.k. li tifforma parti integrali minn din l-applikazzjoni u li ma tammontax ghal zvilupp fuq fresh land anke in vista tal-permess PA06928/05. Tindika li lPA01637/12 stante li s-sit relattiv ma’ kienx jissodisfa l-kriterju li l-external footprint kellu tkun mhux inqas minn 50 m.k., filwaqt li fil-kaz odjern l-external footprint kienet ta’ 95 m.k. u ghalhekk jikkwalifika ghal re-development. Tosserva wkoll li l-infill area fil-kaz ta’ PA01637/12 kien ta’ madwar 45% tas-sit, filwaqt li l-infill area fil-kaz odjern huwa ta’ madwar 20% tas-sit, b’din il-parti hija mdawra b’third party walls fuq tlett nahat. Tindika li l-Ombudsman kien zbaljat stante li l-izvilupp odjern huwa dak ta’ redevelopment u mhux zvilupp gdid, kif ukoll stante li z-zewg applikazzjonijiet, ossia dik odjerna u l-PA01637/12 huma differenti, bl-Awtorita tkompli billi tipprovdi dettalji taddifferenzi f’dawn iz-zewg applikazzjonijiet. Fir-rigward tar-rapport tal-PCAC tirrileva li din ma kienitx qed tinvestiga il-kaz min-naha ta’ ppjanar, filwaqt li l-appellant kkwota b’mod selettiv parti mir-rapport tal-PCAC;

●Fir-rigward tal-hames aggravju tindika mkien fil-ligi ma hemmx illi f’kaz ta’ ilment a bazi tal-Artikolu 80, applikazzjoni sussegwenti ghandha tigi sospiza, fejn sahansitra lanqas il-permess li jkun qed jigi nvestigat wara ilment taht l-Artikolu 80 ma jista jigi sospiz. Tfakkar li din hija procedura eccezzjonali li ghandha tigi applikata b’mod ristrettiv u fil-parametri dettati fl-istess ligi, u targumenta li l-argumentazzjoni tal-appellant turi kemm dan ghandu ideja zbaljata tal-Artikolu 80 [Sottomissjoni datata 5 t’April 2019].

Illi fil-mori tal-appell saru talbiet da parti tal-appellant rigwardanti ix-xhieda mitluba minnu [Sottomissjonijiet datati 28 ta’ Gunju 2019, 31 t’Ottubru 2019 u 14 ta’ Dicembru 2020], u f’dan ir-rigward waqt is-seduta tal14 ta’ Novembru 2019 gie ddegretat li jitharrek l-Onorevoli Dr. Ian Borg, filwaqt li sussegwenti ghar-risposti tal-Awtorita u lpermit holder rigwardanti l-ahhar talba [Sottomissjonijiet datati 15 ta’ Dicembru 2020], bid-digriet moghti fl-21 ta’ Jannar 2021 it-Tribunal awtorizza x-xhieda limitatament ghal dik tas-Sur Renald Azzopardi u l-Perit Nadia Gatt Curmi. Ix-xhieda giet moghtija skond is-segwenti:

●Xhieda tal-Onorevoli Dr. Ian Borg moghtija waqt is-seduta tat-3 ta’ Novembru, 2020;

●Xhieda tal-applikant tal-applikazzjoni odjerna ossia is-Sur Renald Azzopardi moghtija waqt is-seduta tal-1 ta’ Lulju 2021;

●Xhieda tal-perit inkarigat fl-applikazzjoni odjerna il-Perit Nadia Gatt Curmi moghtija waqt is-seduta tal-1 ta’ Lulju 2021.

Illi fil-mori tal-appell, l-partijiet ressqu s-segwenti atti:

●Nota tal-permit holder rigwardanti l-lista tax-xhieda mressqa mill-appellant [Sottomissjoni datata 3 ta’ Lulju, 2019];

●Nota tal-Awtorita rigwardanti l-lista tax-xhieda mressqa mill-appellant [Sottomissjoni datata 30 ta’ Settembru, 2019];

●Nota mill-permit holder rigwardanti l-eccezzjoni preliminari mressqa minnu fl-ewwel risposta [Sottomissjoni datata 1 t’Ottubru, 2019];

●Nota tal-Awtorita rigwardanti l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-permit holder [Sottomissjoni datata 30 ta' Settembru, 2019];
●Nota tal-appellant rigwardanti l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-permit holder [Sottomissjoni datata 31 t'Ottubru, 2019];
●Evidenza dokumentarja mill-appellant sabiex tizdied mal-evidenza pprezentata precedentament [Sottomissjoni datata 30 ta' Lulju, 2021];
●Nota ta' sottomissjonijiet finali tal-appellant li fiha jigi inter-alia ndikat li l-hames aggravju ma hemmx ghalfejn jigi kkunsidrat ulterjorment stante li l-proceduri fil-kaz tal-PA05334/18 huma konkluzi [Sottomissjoni datata 16 ta' Mejju, 2022];
●Nota ta' sottomissjonijiet finali tal-Awtorita [Sottomissjoni datata 6 ta' Gunju, 2022].
Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tal-inkartament tal-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell u tas-sottomissjonijiet li saru mill-Partijiet;

Ikkunsidra;
Eccezzjoni preliminari
Illi fir-risposta inizjali tal-permit holder giet imressqa eccezzjoni preliminari li permezz taghha gie eccepiet li Awtorita ta' l-Ippjanar ma setghatx tapplika l-provvedimenti ta1-Artikolu 80 tal-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta ghal kaz odjern, ossia l-applikazzjoni PA02708/14 li kien gie deciz abbazi tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta.
Illi fil-parti inizjali tan-nota tal-appellant rigwardanti din l-eccezzjoni, gie ndikat illi waqt is-seduta 16 ta' Lulju, 2019 mizmuma quddiem it-Tribunal kif diversament kompost, il-partijiet gew ordnati sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar dan il-punt fit-terminu hemm specifikat, u sussegwentament saru sottomissjonijiet rigwardanti l-eccezzjoni preliminari.:
Illi fis-sottomissjoni tal-permit holder ghal darb'ohra gie ndikat li 1-Artikolu 80 tal-Kapitolu 552 dahal fis-sehh fis-sena 2016, mentri l-permess in kwistjoni gie approvat f'Dicembru tal-2014 meta l-ligi applikabbli kien il-Kapitolu 504 u ghalhekk jargumenta li l-provvedimenti tal-Artikolu 80 ma jistghux jigu applikati ghall-permess li ma giex approvat abbazi tal-Kapitolu 552. Issir referenza u jigu nkluzi estratti mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Mallia vs. l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u lIppjanar tal-11 ta' Lulju 2016, u jigi ndikat li f'din il-kawza kien hemm sitwàzzjoni analoga ghal dik tal-lum izda b'ligijiet differenti minhabba li l-kaz kien applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Kapitolu 504 meta il-permess li kien qieghed jigi revokat kien hareg taht il-provvedimenti tal-Kapitolu 365. Ikompli jirrileva billi jindika li l-analogija mal-kaz odjern hija li l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 552 jitkellem car fis-sens li dan jaghmel referenza "permess ghall-izvilupp moghti taht dan l-Att" u jkompli billi jindika li dak li kien jipprovdi l-Artikolu 97(4) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta illum huwa kontenut fl-Artikolu 35(3) li fil-parti sostantiva tieghu huwa identiku ghall-imsemmi Artikolu 97(4) [Sottomissjoni datata 1 t'Ottubru, 2019].
Illi fin-nota tal-Awtorita rigwardanti din l-eccezzjoni preliminari jintalab li din tigi michuda stante li jekk tintlaqa din ser tkun decizjoni definittiva u mhux preliminari. Tindika li minkejja li tali eccezzjoni tista ggib fix-xejn l-appell odjern, din xorta wahda hija ta' natura preliminari, u f'kaz li ma tiltlaqax ikun ifisser li t-Tribunal ikun ta' sentenza preliminari. Tkompli billi taghmel referenza ghall-Artikolu 9(2) tal-Kapitolu 551, u tindika li dan il-punt gie trattat u deciz mill-Qorti tal-Appell diversi drabi fosthom Din l-Art Helwa vs. l-Awtorita' tal-Ippjanar, deciza nhar il-16 ta' Mejju 2019 [Sottomissjoni datata 30 ta' Settembr, 2019]. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-Awtorita jigi ndika ulterjorment li meta jigi applikati l-istess principju tal-kaz Emanuel Mallia vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u lIppjanar, gialadarba l-permess odjern PA02708/14 ma giex moghti taht il-Kapitolu 552, l-Artikolu 80 ma jistax jigi nvokat u ghaldaqstant tindika li hija fi qbil mal-eccezzjoni preliminari [Sottomissjoni datata 6 ta' Gunju, 2022].
Illi fis-sottomissjoni tal-appellant rigwardanti din l-eccezzjoni, jibda billi jigi ndikat li r-rapprezentant legali tal-applikant ma kkwotax mill-imsemmija kawza, u ma nkludiex kopja taghha, kif ukoll ma kkwota l-ebda parti mill-Artiklu 80 tal-Kapitlu 552, u specifikament fil-kuntest ta' dak li qalet l-imsemmija kawza. Jindika li l-argument ipprezentat kien wisq fil-qosor u kien jirrikjedi spjegazzjoni ahjar sabiex jifhem ahjar x'kien qed jinghad. Jindika wkoll

li t-Tribunal irreagixxa immedjatament ghat-talba tarrapprezentant legali fir-rigward ghal decizjoni dwar l-eccezzjoni preliminari mqajjma, u dan billi ghamel referenza ghal zewg kawzi partikolari, u fl-istess smiegh gie ordnat mit-Tribunal li sabiex isiru sottomissjonijiet dwar dan il-punt. Fir-risposta tieghu jinkludi ssegwenti punti:
1. Dwar id-decizjoni tat-Tribunal rigwardanti l-eccezzjoni preliminari ghal darb'ohra jindika li t-Tribunal irreagixxa billi ghamel referenza zewg kawzi decizi mill-Qorti tal-Appell, u fir-rigward tal-imsemmija decizjonijiet jindika:
●Illi fil-kaz ta' Din l-Art Helwa vs. l-Awtorita' tal-Ippjanar, deciza nhar il-16 ta' Mejju 2019 gie deciz mill-Qorti li ddecizjoni preliminari tat-Tribunal tas-7 ta' Frar 2019 bhala nulla u bla effett, u f'din id-decizjoni huwa car li l-Qorti applikat l-Artiklu 9(2)(b) tal-Kapitlu 551;
●Illi fil-kaz ta' Susan Xerri vs. l-Awtorita' tal-Ippjanar et, deciza nhar id-19 ta' Gunju 2019 gie deciz mill-Qorti li ddecizjoni preliminari tat-Tribunal tal-4 ta' April 2019 bhala nulla u bla effett, u f'din id-decizjoni kkwotat mis-sentenza taghha stess fil-kawza Din l-Art Helwa vs. l-Awtorita' tal-Ippjanar.
Ikompli jindika li f'kaz li tinghata sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari, din tkun decizjoni parzjali u ghaldaqstant tkun kontra l-ligi kemm f'kaz li jiddeciedi l-eccezzjoni favur l-appellant kif ukoll jekk jiddecidi favur l-applikant, filwaqt li jinnota li n-nota ta' sottomissjonijiet tal-permit holder hija totalment siekta dwar l-implikazzjonijiet legali ta' decizjoni dwar l-eccezzjoni preliminari, u tonqos milli tiggustifika din it-talba partikolament in vista ta' sentenzi tal-Qorti tal-Appell li annullaw decizjonijiet parzjali. Jindika li huwa jaqbel perfettament mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Awtorita' fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

2. Dwar il-mertu tal-eccezzjoni preliminari jindika li l-Awtorita' ma ghamlet ebda sottomissjoni dwar il-mertu ta' din leccezzjoni, u min-naha tieghu jindika li fil-kawza msemmija mill-applikant, li indika li hija l-appell numru 12/2016, isir referenza ghall-Artiklu 77 tal-Kapitlu 504, filwaqt li josserva li l-kaz tal-appell odjern huwa taht Artiklu 80 tat-Kapitlu 552. Jinkludi tabella li turi timeline ta' certi fatti dwar il-permess PA/02708/14 u dwar l-appell odjern, u jikkonkludi billi jindika li huwa ma jaqbilx li s-sentenza tal-kawza Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u 1Ippjanar tista' tintuza sabiex Artiklu 80 tal-Kapitlu 552 ma jkunx applikat. Jindika li fl-imsemmija kawza kienet giet annullata l-modifika mill-Awtorita' tal-permess PA04618/06 meta il-ligi applikabbli kienet il-Kapitlu 504 li kien japplika bejn l-2010 u l-2016, u fejn ir-revoka jew modifika ta' permessi kienet regolata b'Artikolu 77. Jindika wkoll li l-Awtorita' kienet argumentat illi, ghalkemm Artiklu 77 ta' Kapitlu 504 kien fih limitu ta' zmien ta' hames snin, dak it-terminu ta' zmien specifikat fl-Artiklu 77 kien jirreferi biss ghal-permessi mahrugin wara li jidhol fis-sehh il-Kapitlu 504 u li ghaldaqstant illigi ma kien fiha l-ebda limitu ta' zmien ghal-permessi mahrugin qabel il-Kapitlu 504. Ikompli jindika li t-Tribunal ma kienx qabel mal-Awtorita', ghaliex kien tal-fehma li dik il-parti tal-proviso tal-Artiklu 77(1) kellha tkun ikkunsidrata fid-dawl tal-Artiklu 97(4) tal-Kapitlu 504, u b'hekk jigi jghodd il-limitu ta' hames snin mid-data tal-hrug tal-permess kif jghid lArtiklu 77, bit-Tribunal esprima wkoll il-fehma illi l-limitazzjoni tal-preskrizzjoni hija parti mportanti mil-ligi sabiex tinholoq ordni pubblika u certezza legali. Illi madankollu i1-Qorti tal-Appell iddecidiet mod iehor ghaliex din ma qablitx mal-uzu talArtiklu 97(4) tal-Kapitlu 504 fir-ragunament tal-kaz ghaliex 1-Artiklu 77 tal-Kapitlu 504 kien jghid car li hu limitat ghallpermessi mahrugin wara d-dhul fis-sehh tal-Kapitlu 504. L-appellant ikompli jitratta l-eccezzjoni preliminari billi jressaq tnax (12)-il punt li jinkludu s-segwenti:
i. Illi huwa rcieva r-risposta tal-appell odjern minghand ir-rapprezentant legali tal-applikant 13-il jum tard, u filwaqt li huwa ma jixtieqx icahhad lill-applikant mir-risposta, it-tardivita tar-risposta huwa kumplikat b'eccezzjoni preliminari li jekk xejn li suppost tqajmet kmieni u tl--inqas sal-ewwel smiegh li sar fid-9 ta' Mejju 2019, meta l-Awtorita' kienet gia ressqet ir-risposta taghha;
ii. Illi t-talba sabiex il-permess PA/02708/14 ikun revokat jew modifikat taht l-Artiklu 80 tal-Kapitlu 552 inbeda bl-ittra datata 16 ta' Ottubru 2018, bl-Awtorita' mill-ewwel ippublikat din l-ittra fuq is-sistema E-Applications, l-ewwel taht 1-applikazzjoni PA05334/1 8 u wara li huwa gibed l-attenzjoni tal-Awtorita', inharget acknowledgement lilu b'referenza ghal PA/02708/14.

Jindika li permezz ta’ nota ta’ sottomissjonijiet finali bil-miktub fil-kaz tal-appell numru 474/18, ir-rapprezentant legali li issa qed jidher ghall-applikant tal-kaz odjern, b'riferiment ghat-talba taht Artiklu 80 dwar il-PA02708/14 ma ndikax li kien hemm xi eccezzjoni dwar Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1Ambjent u l-Ippjanar, anzi dakinhar kien gie mitlub sabiex l-Awtorita tipprocessa t-talba, taht l-Artiklu 80. Finalment ifakkar li l-beneficjarju ta' PA/05334/18 u PA/02708/14 huwa l-istess persuna, u li fiz-zewg applikazzjonijiet deher u qed jidher l-istess rapprezentant legali;
iii. Illi waqt is-smiegh pubbliku tas-7 ta' Marzu 2019 quddiem il-Bord tal-Ippjanar l-applikant tal-permess odjern ma deherx u lanqas ma deher rapprezentant tieghu, filwaqt li l-appellant ma hemm l-ebda indikazzjoni li saru xi sottomissjonijiet bil-miktub min-naha tal-applikant, u ghalhekk jirrizulta li dan qatt ma qajjem l-eccezzjoni dwar Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar meta nbeda u nstemgha 1-process taht
Artiklu 80;
iv. Illi waqt is-smiegh pubblika tas-7 ta' Marzu 2019, ir-rapprezentant legali tal-applikant qal li kien qed jidher ghallapplikant ta' PA05334/18, u li fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2019 l-istess rapprezentant legali qal li qed jidher quddiem dan it-Tribunal bhala rapprezentant tal-applikant. Jkompli jindika li waqt is-smiegh pubbliku tas-7 ta' Marzu 2019, irrapprezentant legali fl-ebda hin ma semma xi eccezzjoni jew xi riferiment dwar il-kaz Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar, u dan lanqas ma sar fis-smiegh tad-9 ta' Mejju 2019 quddiem it-Tribunal;
v. Illi l-Awtorita' bdiet u hadet id-decizjoni taghha fil-process taht Artiklu 80 u din qatt ma qajmet xi eccezzjoni dwar il-kaz Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar. Jindika li l-Awtorita' qatt ma semmiet l-imsemmi kaz, la fid-dokumentazzjoni taghha tar-rakkomandazzjonijiet tad-Direttorat tal-lppjanar, la filprezentazzjoni tad-Direttorat waqt is-smiegh pubbiiku, la fis-smiegh pubbliku mill-Bord tal-Ippjanar, la fir-risposta tal-Awtorita' ghall-appell odjern u lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet dwar dan il-punt legali;
vi. Illi huwa jinsab sorpriz kif il-kaz Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar qed jigi nvokat mill-applikant u mhux mill-Awtorita', ghaliex filwaqt li l-imsemmi kaz kien appellat fil-Qorti tal-Appell millAwtorita, din l-istess Awtorita' li qed tiddefendi l-permess odjern naqset milli tirreferi ghal din il-kaz. Jigi mistoqsi jekk dan is-silenzju hux indikazzjoni ta' xi ammissjoni da parti tal-Awtorita' u/jew jekk l-Awtorita' taf b'xi haga dwar lapplikabilita' o meno ta' dak il-kaz li ma tixtieqx tghidha;
vii. Illi l-kaz Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar kien deciz fil-ll ta' Lulju 2016 abbazi tal-Kapitlu 504, f’liema gurnata kien ghadu kemm beda jidhol fis-sehh il-Kapitlu 552. Josserva li l-process talimsemma kaz kien inbeda qabel it-3 ta' April 2016 u allura kellu jibqa' japplika l-Artiklu 77 tal-Kapitlu 504, filwaqt li llum hemm ligi differenti dwar revoka u tibdil ta' permessi li hija dik f’Artiklu 80 ta' Kapitlu 552;
viii. Illi sabiex wiehed jadotta r-ragunament tal-kaz Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u lIppjanar ghall-kaz odjern, wiehed irid ikun fil-pozizzjoni li juri li l-ligi tal-llum hija l-istess bhal ta' dakinhar, u cioe' wiehed irid jipprova li 1-Artiklu 80 tal-Kapitlu 552 huwa l-istess bhal Artiklu 77 tal-Kapitlu 504 fil-parti rilevanti, u 1-eccezzjoni mqajjma imkien ma ppruvat dan u lanqas biss sar 1-icken tentattiv sabiex dan jintwera. Jindika li huwa ma’ jaqbilx li l-kwotazzjoni tal-Artikolu 80 hija analoga mal-parti ta' Artiklu 77 tal-Kapitlu 504 li dwarha ddecidiet il-Qorti fl-imsemmija kawza;
ix. Illi m’huwiex fi qbil mar-rapprezentant legali tal-applikant li fis-sentenza tal-kawza Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell ta’ parti mill-Artiklu 77 tal-Kapitlu 504 hija analoga mal-kwotazzjoni ta’ Artiklu 80 tal-Kapitlu 552 ghaliex 1-Artiklu 77 tal-Kapitlu 504 jinkludi lespressjoni "moghti skond dan 1-Att" filwaqt li Artiklu 80 tal-Kapitlu 552 jinkludi l-espressjoni "moghti taht dan 1Att". Josserva wkoll li l-kwistjoni mqajjma mill-Awtorita' fl-imsemmija kawza ma’ kienetx dwar dik il-parti ta' Artiklu 77 tal-Kapitiu 504, u lanqas fid-decizjoni tat-Tribunal ma’ jirrizulta li l-partijiet kienux qed jikkontendu dwar it-tifsira ta’ "moghti skond dan l-att". Ikompli billi jindika li fl-imsemmija kawza il-Qorti tal-Appell kienet qed tapplika w tinterpreta t-tifsira ta' dik il-parti tal-Artiklu 77(1) tal-Kapitlu 504. Dwar l-uzu tal-kliem "moghti taht dan l-Att" flArtiklu 80(1) tal-

Kapitlu 552 jargumenta li dan jista' biss jigi nterpretat u jinghata t-tifsira skond Artiklu 35(3) talKapitlu 552 li jmsemmi l-Kapitlu 504, u dan ifisser li permess moghti taht il-Kapitlu 504, bhalma huwa il-permess PA02708/14 fil-kaz odjern, huwa daqs li kieku moghti taht il-Kapitlu 552. Jindika wkoll li l-Artiklu 97(4) tal-Kapitlu 504 kellu dispozizzjonijiet simili ghal dawk tal-Artiklu 35(3) tal-Kapitlu 552, u jikkonkludi li jekk xejn, il-parti tal-Artiklu 80(1) ikkwotata mir-rapprezentant legali tal-applikant tikkonferma li l-permess PA02708/14 huwa fid-"dominju" ta' dawk il-permessi li ghalihom japplika l-Artiklu 80;
x. Illi meta t-text tal-Artiklu 80(1) tal-Kapitlu 552 jigu kkumparati fid-dettal mat-text tal-Artiklu 77(1) tal-Kapitlu 504, jirrizulta li hemm differenza mportanti f'dik il-parti kritika li l-Qorti tal-Appell uzat sabiex tasal ghad-decizjoni taghha fil-kaz Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar. Dan ghaliex filwaqt li l-Artiklu 77 (1) tal-Kapitlu 504 tapplika l-kundizzjoni "mahruga wara d-data ta' dhul fis-sehh ta' dan l-Att" kemm ghalpermess, licenzja jew awtorizzazzjoni, fil-kaz tal-Artiklu 80(1) tal-Kapitlu 552 dik l-istess kundizzjoni issa tapplika biss fil-kaz ta' "kull awtorizzazzjoni mahruga taht xi Ordni.". Ikompli jindika li kif inhi l-istruttura tat-text tal-Artiklu 80 (1) jfisser li kull awtorizzazzjoni, kemm jekk mahruga qabel kif ukoll jekk mahruga wara d-dhul fis-sehh tal-Kapitlu 552, hija suggetta ghar-revoka jew tibdil, u jargumenta li huwa evidenti li hemm differenza mportanti bejn iz-zewg artikli li hija konsistenti kemm fil-verzjoni bil-Malti kif ukoll fil-verzjoni bl-Ingliz, f'din marbuta mal-uzu tal-"commas" li fir-rigward tieghu tigi inkluz spjega voluminuza. Terga` ssir referenza ghal partijiet mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kaz Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar u jindika li l-lacuna li kien hemm qabel giet maghluqa fl-Artiklu 80(1) tal-Kapitlu 552, sabiex "kull permess" jista' jinbeda dwaru process ta' revoka jew tibdil fi zmien hames snin mid-data tal-hrug tal-permess. Ghal darb'ohra ssir referenza ghall-"commas" u f'dan ir-rigward issur referenza ghall-kaz O'Connor vs. Oakhurst Dairy [No. 16-1901 (1st Cir. 2017)] deciz fit-13 ta' Marzu 2017 mill-United States Court of Appeals for the First Circuit f'Maine;
xi. Illi fil-kawza Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar il-Qorti tal-Appell iddecidiet il-kaz b'mod sostanzjali billi bbazat ruhha fuq il-principju legali quod lex voluit lex dixit, u bl-applikazzjoni ta' dan principju fil-kaz odjern ifisser li wiehed ghandu jara x'jghid 1-Artiklu 80(1) tal-Kapitlu 552 li huwa differenti minn dak li kien jghid Artiklu 77(1) tal-Kapitlu 504;
xii. Illi rapprezentant legali tal-applikant mkien ma pprova li kif l-Artiklu 80 tal-Kapitlu 552 japplika biss ghall-permessi li nhargu skond Kapitlu 552, filwaqt li huwa (l-appellant) wera kif dan ma hux il-kaz. Jikkonkludi li fil-kaz odjern irrapprezentant legali tal-applikant qed jinjora l-fatt li l-ligi tal-llum hija differenti u qed jittanta jitlob li 1-Awtorita' ma taghmilx dak li hemm miktub fil-ligi li hi ghandha taghmel [Sottomissjoni datata 31 t'Ottubru, 2019].

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-appellant jigi ndikat ulterjorment li decizjoni dwar l-eccezzjoni preliminari ghandha tinghata fid-decizjoni finali [Sottomissjoni datata 16 ta' Mejju, 2022].

Kunsiderazzjonijiet dwar l-eccezzjoni preliminari
Illi l-kwistjonijiet imqajjma fil-mori tal-appell rigwardanti l-eccezzjoni preliminari tal-permit holder huma tnejn, bl-ewwel kwistjoni tirrigwarda jekk ghandhiex tinghata decizjoni limitatament ghal din l-eccezzjoni, u jekk ghandhiex tinghata decizjoni finali li fiha jig kkunsidra kemm il-mertu tal-eccezzjoni mqajjma kif ukoll il-mertu tal-appell odjern.
Illi fir-rigward tal-ewwel kwistjoni, kemm l-Awtorita u l-appellant oggezzjonaw li tinghata sentenza limitata ghall-eccezzjoni preliminari tal-permit holder, b'dawn ghamlu referenza ghal decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell li jirrigwardaw tali kwistjoni.

It-Tribunal jibda billi jirreferi ghall-Artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 551 liema Artiklu jipprovdi s-segwenti:
"(b) it-terminu li fih it-Tribunal jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu għandu jkun wieħed raġjonevoli skont iċċirkostanzita' kull każ. Id-deċiżjoni għandha tingħata kemm jista' jkun malajr u għal

dan il-għan it-Tribunal għandu jagħti deċiżjoni waħda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fl-appell li jkollu quddiemu kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, proċedurali jew sostantiva: Iżda kemm-il darba jqumu kwistjonijiet ta' natura perentorja, it-Tribunal jista' jgħaddi sabiex qabel kull ħaġa oħra jisma' l-provi tal-partijiet u jagħti deċiżjoni,limitatament dwar il-kwistjoni, u deċiżjoni li tingħata mit-Tribunal għandha titqies finali u soġġetta għal appell fi żmien għoxrin (20) jum minn meta tkun ingħatat, quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 52 tal-Att."

It-Tribunal josserva wkoll li kemm fis-seduta sussegwenti ghas-sottomissjoni rigwardanti l-eccezzjoni preliminari, ossia s-seduta tal-14 ta' Novembru, 2019 mizmuma quddiem it-Tribunal kif diversament kompost, u wisq anqas fis-seduti sussegwenti, ma giet mehuda l-ebda decizjoni mit-Tribunal dwar jekk ghandhiex tinghata sentenza limitatament ghall-eccezzjoni preliminari [Skont il-verbali tas-seduti relattivi]. It-Tribunal josserva ulterjorment li waqt l-ewwel seduta mizmuma quddiem dan it-Tribunal kif prezentament kompost ossia fit--3 ta' Novembru, 2020, fl-ebda mument waqt din is-seduta jew dawk sussegwenti ma saret xi talba sabiex tinghata decizjoni limitatament ghall-eccezzjoni preliminari imqajjma mill-permit holder. Ghaldaqstant, tali eccezzjoni preliminari qed tigi kkunsidrata f'din id-decizjoni finali.
Illi fir-rigward tat-tieni kwistjoni li tirrigwarda l-mertu tal-eccezzjoni mressqa, it-Tribunal jibda billi josserva li fir-risposta talAwtorita tal-Ippjanar rigwardanti tali eccezzjoni ma tressqu l-ebda kummenti fuq il-mertu ta' din, izda fir-risposta finali gie espress qbil ma' din l-eccezzjoni fin-nota in vista tal-insenjament tal-Qorti fil-kaz Emanuel Mallia vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Illi kif gie ndikat aktar kmieni, l-appellant ressaq tnax (12)-il punt fil-konfront ta' din l-eccezzjoni, li qed jigu kkunsidrati hawn taht.
Illi fir-rigward tal-ewwel punt mressaq mill-appellant fejn qed jigi ndikat li r-risposta tal-applikant ghall-appell odjern giet sottomessa tlettax-il jum tard, it-Tribunal josserva li l-appellant naqas milli jindika b'mod specifiku kif fit-termini tal-ligi limsemmija risposta qed tigi kkunsidrata minnu bhala tardiva. Dan partikolarment meta t-terminu tal-prezentata tar-risposta kif specifikat fl-Artikolu 20 tal-Kapitolu 551 jirriferi ghar-risposta tal-Awtorita. Illi l-Artikolu 32 tal-Kapitolu 551 jipprovdi wkoll li "fin-nuqqas ta' xi regoli fuq xi kwistjoni, it-Tribunal jista'jirregola l-proċedura tiegħu stess", u t-Tribunal josserva li waqt l-ewwel seduta mizmuma fid-9 ta' Mejju, 2019 quddiem it-Tribunal kif diversament kompost, l-applikant kien talab ghal aktar zmien sabiex jaghmel ir-risposta tieghu - din it-talba kienet giet milqugha billi l-applikant kien inghata sal-15 ta' Gunju sabiex jipprezenta r-risposta tieghu. Jirrizulta li r-risposta tal-applikant eventwalment giet sottomessa fit-28 ta' Gunju 2019, ossia 13-il jum wara t-terminu stabbilit waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju, madankollu fis-seduta sussegwenti tas-16 ta' Lulju, 2019 ma giet mqajjma l-ebda oggezzjoni mill-partijiet l-ohra, ossia l-appellant u l-Awtorita. Lanqas ma jirrizulta li saret xi talba bil-miktub sabiex ikun hemm sfilz ta' din ir-risposta. Konsegwentament, ir-risposta tal-applikant hija kkunsidrata li tifforma parti mill-atti ta' dan l-appell.
Illi fit-tieni, it-tielet u r-raba` punti mressaq mill-appellant qed jigi ndikat li kemm fil-proceduri tal-Artiklu 80 mizmuma quddiem lAwtorita, kif ukoll fil-proceduri tal-appell numru 474/18 (fil-konfront ta1-applikazzjoni PA05334/18) li gie mismugh u deciz min Tribunal diversament kompost, ma kienx hemm xi eccezzjoni jew xi riferiment dwar il-kaz Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar, u li dan lanqas ma sar fis-smiegh tad-9 ta' Mejju 2019 tal-appell odjern. L-appellant jirrimarka wkoll li rapprezentant legali tal-applikant kien sahansitra talab sabiex l-Awtorita tipprocessa t-talba taht Artiklu 80. Jindika wkoll li ma sarux sottomissjonijiet bil-miktub min-naha tal-applikant fil-process quddiem l-Awtorita, u li waqt is-smiegh pubbliku tas-7 ta' Marzu 2019, la deher l-applikant u lanqas rapprezentant tieghu, b'dan tal-ahhar indikat li kien qed jidher li kien qed jidher ghall-applikant ta' PA05334/18.
Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, dawn il-punti mqajjma mill-appellant wkoll m'humiex sostunti bil-ligi, u dan ghaliex m'hemm l-ebda dispozizzjonijiet li jesigu li kwistjonijiet ta' natura preliminari li jitqajmu quddiem dan it-Tribunal ghandhom precedentament jigu mqajjma quddiem l-Awtorita - di fatti l-appellant ma jaghmel l-ebda riferiment ghal xi dispozizzjonijiet

tal-ligi f’dan ir-rigward. It-Tribunal josserva ulterjorment li l-appell numru 474/18 huwa wiehed separat mill-appell odjern, u li l-imsemmi appell kif ukoll l-applikazzjoni relattiva PA 5334/18 ma jiffurmawx parti mill-appell odjern [Skont kif deciz waqt is-seduta mizmuma fit-28 ta’ Settembru, 2021]. It-Tribunal josserva wkoll li filwaqt li r-rapprezentant legali ta’ dawn iz-zewg kazijiet huwa ndikat li huwa l-istess, jirrizulta li l-applikanti huma persuni differenti [Skont l-informazzjoni disponibli minn fuq il-Mapserver tal-Awtorita] u dan huwa rikonoxxut mill-istess appellant li fir-rimarki tieghu jindika li waqt is-smiegh pubbliku tas-7 ta' Marzu 2019 ir-rapprezentant legali tal-applikant kien qed jidher ghall-applikant tal-PA05334/18. Oltre min hekk, it-Tribunal josserva li filwaqt li fl-eccezzjoni mqajjma millapplikant issir referenza ghal kawza Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar, l-eccezzjoni mqajjma hija li ma setax jigi applikat l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 552 stante li l-applikazzjoni odjerna PA02708/14 kienet giet deciza meta kien fis-sehh il-Kapitolu 504.

Illi fil-hames punt imressaq mill-appellant jigi osservat li l-Awtorita' bdiet u hadet id-decizjoni taghha fil-process taht l-Artiklu 80 u li din qatt ma qajmet xi eccezzjoni jew semmiet il-kaz Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar. It-Tribunal josserva li l-eccezzjoni preliminari tal-permit holder giet imqajjma quddiem dan it-Tribunal u mhux quddiem lAwtorita tal-Ippjanar, u gialadarba tali eccezzjoni giet imqajjma, huwa fl-obbligu tat-Tribunal li l-mertu ta’ din l-eccezzjoni jigi kkunsidrat skont kif mitlub bil-ligi, specifikament l-Artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 551, u dan anke in vista li l-imsemmija eccezzjoni tirrigwarda kwistjoni ta’ ordni pubblika. Oltre min hekk, il-punt imressaq mill-appellant huwa bla ebda bazi ghaliex hekk kif stabbilit fil-Kapitolu 551, l-appell odjern jaqa` taht il-gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal.

Illi fis-sitt punt imressaq mill-appellant jesprimi li huwa sorpriz kif il-kaz Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qed gie nvokat mill-applikant, meta kienet l-Awtorita li appellat il-kaz quddiem il-Qorti tal-Appell. ItTribunal josserva li dan ukoll huwa punt bla ebda bazi ghaliex dak li huwa relevanti m’huwiex minn min tigi mqajjma l-eccezzjoni preliminari, izda jekk tali eccezzjoni f’hijiex mertu. It-Tribunal ghal darb’ohra josserva li l-eccezzjoni mqajjma mill-permit holder hija li ma setax jigi applikat l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 552 u mhux meta, kif u minn min gie ccitat il-kaz ta’ Emanuel Mallia vs LAwtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Illi l-ahhar sitt punti (mis-seba` sat-tnax-il punt) mressaq mill-appellant, dawn jittrattaw b’mod dirett il-mertu tal-eccezzjoni preliminari.

Illi fis-seba punt jigi ndikat li d-data meta gie deciz il-kaz Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u lIppjanar kien meta dahal fis-sehh il-Kapitlu 552, u li l-imsemmi kaz kien beda qabel it-3 ta' April 2016 u allura kellu jibqa' japplika l-Artiklu 77 tal-Kapitlu 504.

Illi fit-tmien punt jigi ndikat li ma sarx tentattiv mill-permit holder sabiex jintwera r-ragunament tal-kaz Emanuel Mallia vs LAwtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar japplika ghall-kaz odjern, u jargumenta li sabiex dan il-kaz japplika ghall-kaz odjern, wiehed irid ikun jipprova li 1-Artiklu 80 tal-Kapitlu 552 huwa l-istess bhall-Artiklu 77 tal-Kapitlu 504 fil-parti rilevanti.

Illi fid-disa punt jigi ndikat li l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell ta’ parti mill-Artiklu 77 tal-Kapitlu 504 (fil-kawza Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar) m’hijiex analoga mal-kwotazzjoni tal-Artiklu 80 tal-Kapitlu 552, kif ukoll jindika li l-kwistjoni mqajjma mill-Awtorita' fl-imsemmija kawza ma kienetx dwar dik il-parti ta' Artiklu 77. Jargumenta li l-uzu tal-kliem "moghti taht dan l-Att" fl-Artiklu 80(1) tal-Kapitlu 552 tista' biss tigi nterpretata skond l-Artiklu 35(3) tal-Kapitlu 552, u li dan ifisser li permess moghti taht il-Kapitlu 504 jigi meqjus daqs li kieku moghti taht il-Kapitlu 552, u li ghaldaqstant il-permess PA02708/14 huwa fid-"dominju" ta' dawk il-permessi li ghalihom japplika l-Artiklu 80.

Illi fl-ghaxar punt jigi ndikat li meta t-text tal-Artiklu 80(1) tal-Kapitlu 552 jigu kkumparati fid-dettal mat-text tal-Artiklu 77(1) tal-Kapitlu 504, jirrizulta li hemm differenza mportanti f'dik il-parti kritika li l-Qorti tal-Appell uzat sabiex tasal ghad-decizjoni taghha fil-kaz Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar. Jargumenta li kif inhi l-istruttura tat-text tal-Artiklu 80(1) jfisser li kull awtorizzazzjoni, kemm jekk mahruga qabel kif ukoll jekk mahruga wara d-dhul fis-sehh tal-Kapitlu 552, hija suggetta ghar-revoka jew tibdil, u jargumenta li huwa evidenti li hemm differenza mportanti bejn iz-zewg artikli minhabba l-uzu

tal-"commas", filwaqt li jindika li l-lacuna li kien hemm qabel fl-Atrikolu 77 tal-Kap. 504 giet maghluqa fl-Artiklu 80(1) talKapitlu 552.
Illi fil-hdax-il punt jigi ndikat li fil-kawza Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar il-Qorti talAppell iddecidiet il-kaz b'mod sostanzjali billi bbazat ruhha fuq il-principju legali quod lex voluit lex dixit.
Illi fit-tnax-il punt jigi ndikat li ma giex ippruvat kif l-Artiklu 80 tal-Kapitlu 552 japplika biss ghall-permessi li nhargu skond Kapitlu 552, filwaqt li huwa (l-appellant) wera kif dan ma hux il-kaz.

It-Tribunal jibda billi josserva li l-Avviz Legali 107 tal-2016, li ghalieh l-istess appellant jaghmel referenza fit-timeline ta' avvenimenti relatati mal-permess odjern, jinkludi Regolament (9) li specifikament jirrigwarda l-applikabilità tal-Artikolu 77 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp Kap. 504, liema Regolament jipprovdi s-segwenti:
"Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 77 tal-Att dwar l-Ambjentu l-Ippjanar tal-Iżvilupp għandhom jibqgħu fisseħħ u jkunu applikabbli sakemm għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri għar-revoka jew tibdil ta' permessi, liċenzi jew awtorizzazzjonijiet, inkluż kull awtorizzazjoni maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u lIppjanar skont xi Ordni, li jkunu diġà bdew sat-3 ta' April 2016."

Illi mis-suespost jirrizulta li d-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 77 tal-Kapitolu 504 huma applikabli sakemm il-proceduri ghar-revoka jew tibdil ikunu diga` bdew sat-3 ta' April 2016. Illi fil-kaz odjern, il-permess in kwistjoni PA02708/14 gie mahrug meta kien fis-sehh il-Kapitlu 504, filwaqt li t-talba taht l-Artiklu 80 tal-Kapitlu 552 saret fis-16 ta' Ottubru 2018. Dawn huma fatti maqbula bejn il-partijiet.

Illi b'zieda mal-premess, it-Tribunal jirreferi wkoll ghall-part inizjali tal-Artiklu 80(1) tal-Kapitlu 552 li tiddisponi hekk kif gej:
"80.(1) Il-Bord tal-Ippjanar jista' biss -
(a) fil-każijiet ta' frodi; jew
(b) meta jkun hemm is-sottomissjoni ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li hija inkorretta jew li matirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit; jew
(ċ) fejn hemm żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument; jew
(d) fejn is-sigurtà pubblika hija konċernata,
b'deċiżjoni jirrevoka jew jibdel kull permess għall-iżvilupp mogħti taħt dan l-Att, inkluża kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-Bord tal-Ippjanar skont xi Ordni, filwaqt li fid-deċiżjoni jagħti r-raġunijiet tiegħu u jrid jindika b'mod ċar il-bażi legali tar-revoka għal dik id-deċiżjoni;"

Illi l-permit holder qed jaghmel referenza ghal kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar tal-11 ta' Lulju 2016 (appell numru 12/2016) u jindika li l-analogija mal-kaz odjern hija li lArtikolu 80 tal-Kapitolu 552 jitkellem car fis-sens li dan jaghmel referenza "permess ghall-izvilupp moghti taht dan l-Att" u jkompli billi jindika li dak li kien jipprovdi l-Artikolu 97(4) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta illum huwa kontenut fl-Artikolu 35(3) li filparti sostantiva tieghu huwa identiku ghall-imsemmi Artikolu 97(4).

It-Tribunal jirreferi wkoll ghad-decizjoni surreferita, fejn seta` josserva li l-Qorti ma qisietx li kien floku l-argument tat-Tribunal (kif divesament kompost) dwar l-applikabilita tal-Artikolu 97(4) tal-Kapitolu 504, liema Artikolu jaqra hekk kif gej:
"Kull liċenza, permess, awtorità, ordni, avviż jew ċertifikat,jew kull prosekuzzjoni jew akkuża mogħtija jew magħmula jew miżmuma fis-seħħ taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp jew l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent uli jkunu għadhom fis-seħħ minnufih qabel id-data li fiha jidħol fis-seħħ dan l-Att, għandhom minn dik id-data jibqgħu fis-seħħ bħalli kieku kienu liċenza, permess, awtorità, ordni, avviż jewċertifikat, jew prosekuzzjoni jew akkuża mogħtija jew magħmulataħt dispożizzjoni korrispondenti ta' dan

lAtt, u kull liċenza,permess, awtorità, ordni, avviż jew ċertifikat, jew prosekuzzjonijew akkuża bħal dawk hawn aktar qabel imsemmija għandhom jiġutrattati u jsir minnhom skont hekk:
Iżda fil-każ ta' kull liċenza, permess, awtorità, ordni, avviżjew ċertifikat maħruġa għall perjodu speċifiku, tali liċenza, permess, awtorità, ordni, avviż jew ċertifikat għandhom jibqgħuoperattivi għal dak il-perjodu mid-data tal-ħruġ tal-istess liċenza, permess, awtorità, ordni, avviż jew ċertifikat."

Illi kif indikat mill-permit holder, dak li kien jipprovdi l-Artikolu 97(4) tal-Kapitolu 504 llum huwa kontenut fl-Artikolu 35(3) talKapitolu 552 li jipprovdi hekk kif segwenti:
"Kull liċenza, permess, ordni, avviż jew ċertifikat, jew kull prosekuzzjoni jew akkuża, mogħtija jew magħmula jew miżmuma fis-seħħ taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ambjent u Ippjanar talIżvilupp, u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u li jkunu għadhom fis-seħħ minnufih qabel id-data li fiha jidħol fis-seħħ dan l-Att, għandhom minn dik id-data jibqgħufis-seħħ bħalli kieku kienu liċenza, permess, ordni, avviż jew ċertifikat,jew prosekuzzjoni jew akkuża, mogħtija jew magħmula taħt iddispożizzjoni korrispondenti ta' dan l-Att, u kull liċenza, permess,ordni, avviż jew ċertifikat, jew prosekuzzjoni jew akkuża bħal dawkhawn aktar qabel imsemmija għandhom jiġu trattati u jsir minnhom skont hekk, sakemm limsemmija liċenza, permess, ordni, avviż jewċertifikat, jew kull prosekuzzjoni jew akkuża mogħtija jew magħmula,ma għandhomx x'jaqsmu ma' affarijiet li jaqgħu taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent:
Iżda fil-każ ta' kull liċenza, permess, ordni, avviż jewċertifikat maħruġa bħala operattivi għall-perjodu speċifiku, taliliċenza, permess, ordni, avviż jew ċertifikat għandhom jibqgħu operattivi għal dak il-perjodu middata tal-ħruġ tal-istess liċenza,permess, ordni, avviż jew ċertifikat."

Illi fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-kawza fl-ismijiet Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar (appell numru 12/2016) kien gie specifikament indikat is-segwenti fir-rigward tal-Artikolu 97(4) tal-Kapitolu 504:
"Il-Qorti ma tqis floku l-argument tat-Tribunal dwar l-applikabilita tal-artikolu 97(4) tal-Kap. 504 ghax dan jitkellem fuq il-kontinwazzjoni tal-validita ta' permessi, ordnijiet, eccetra li nhargu qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap. 504 u li ghal finijiet tal-ligi ghandhom jitqiesu li huma licenzi, ordnijiet, eccetra mahruga taht dan l-Att."

Illi huwa maqbul bejn l-appellant u l-permit holder li l-Artiklu 97(4) tal-Kapitlu 504 kellu dispozizzjonijiet simili ghal dawk talArtiklu 35(3) tal-Kapitlu 552. Illi ghaldaqstant isegwi li r-ragunament tal-Qorti rigwardanti l-Artiklu 97(4) japplika wkoll ghall-kaz odjern, dan ghaliex l-Artikolu 35(3) tal-Kapitolu 552 ukoll jitkellem fuq il-kontinwazzjoni tal-validita ta' permessi, ordnijiet, eccetra li nhargu qabel id-dhul fis-sehh tal-Att, f'dan il-kaz il-Kapitolu 552. Ghaldaqstant it-Tribunal ma jaqbilx mal-appellant meta dan qed jargumenta li permezz tal-Artikolu 35(3) tal-Kapitolu 552, it-tifsira tal-kliem "moghti taht dan l-Att" fl-Artiklu 80(1) hija li permess moghti taht il-Kapitlu 504, bhal ma' huwa l-permess odjern PA02708/14, jaqa` fid-"dominju" ta' dawk il-permessi li ghalihom japplika l-Artiklu 80 tal-Kapitolu 552.

Illi fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-kawza fl-ismijiet Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar 1-Ambjent u l-Ippjanar kien gie ndikat ukoll is-segwenti:
"L-artikolu 77 tal-Kap. 504 jirreferi b'mod car u specifiku ghal process ta' modifika jew revoka ta' permess li nhareg wara d-dhul fis-sehh tal-Kap. 504. L-artikolu hu ghalhekk limitat biss ghal permessi b'data specifika ta hrug u terminu perentorju ta' dekadenza li fih l-Awtorita tista' tiehu passi. Hi l-fehma tal-Qorti li l-legislatur wera b'mod car l-intenzjoni tieghu li ma hiex suxxettibbli ghal ebda interpretazzjoni b'mod li titqies tinkludi dak li mhux espressament inkluz mill-legislatur. Il-ligi ghandha tigi applikata u interpretata fil-parametri tat-termini taghha u fil-dawl tal-massima legali quod lex voluit lex dixit."

It-Tribunal josserva li bl-istess mod, l-Artiklu 80 tal-Kapitolu 552 wkoll huwa limitat biss ghal permessi b'data specifika ta' hrug u terminu perentorju ta' dekadenza li fih l-Awtorita tista' tiehu passi, ghaliex l-Artikolu specifikament applikabli ghal "kull permess għall-iżvilupp mogħti **taħt dan l-Att** [enfasi mizjuda]". Barra min hekk, kif kompla jigi ndikat mill-Qorti fil-kawza citata: "Il-ligi ghandha tigi applikata u interpretata fil-parametri tat-termini taghha u fil-dawl tal-massima legali quod lex voluit lex dixit."

Illi fl- ghaxar punt l-appellant qed jargumenta wkoll meta t-text tal-Artiklu 80(1) tal-Kapitlu 552 jigu kkumparati fid-dettal mattext tal-Artiklu 77(1) tal-Kapitlu 504, jirrizulta li hemm differenza mportanti, u b'mod specifiku jindika hekk kif segwenti:
"Fl-Artiklu 77(1) tal-Kapitlu 504 il-kundizzjoni "mahruga wara d-data ta' dhul fis-sehh ta' dan l-Att" hija ilbarra mill-parti tas-sentenza li qeghda bejn il-"commas," u allura tapplika ghal dak kollu li hemm kemm barra kif ukoll gol-"commas," izda fl-Artiklu 80(1) tal-Kapitlu 552 dik l-istess kundizzjoni qeghda maghluqa bil"commas" ma' "kull awtorizzazzjoni mahruga taht xi Ordni" u ghalhekk tghodd biss ghal dak li hemm bejn il"commas" u mhux ghal dak li hemm il-barra minnhom.
Irid jizdied jinghad illi kif inhi l-istruttura tat-text tal-Artjklu 80(1) tal-Kapitlu 55 dan issa jfisser li kull awtorizzazzjoni, kemm jekk mahruga qabel kif ukoll jekk mahruga wara d-dhul fis-sehh tal-Kapitlu 552, hija suggetta ghar-revoka jew tibdil, u ghalhekk dak li hemm miktub bejn il-"commas" jista' jitnehha kollu ghaliex ma jibdel xejn mit-tifsira tas-sentenza"

It-Tribunal josserva li dak li l-appellant qed jaghmel referenza ghalieh huwa l-ahhar paragrafu tal-Artikoli 77(1) tal-Kapitlu 504 u tal-Artiklu 80(1) tal-Kapitlu 552, b'dan tal-ahhar jaqra kif segwenti:
"Iżda ċ-Chairperson Eżekuttiv jista' fir-rigward ta' kull permess għall-iżvilupp, inkluż kull awtorizzazzjoni maħruġa taħt xi Ordni wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, jibda proċeduri sabiex jirrevoka jew jimmodifika dak il-permess għall-iżvilupp, inkluż kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-Bord tal-Ippjanar taħt xi Ordni, fiżmien ħames snin mid-data tal-ħruġ tal-permess għall-iżvilupp, inklużxi awtorizzazzjoni maħruġa taħt xi Ordni."

Illi mis-suespost jirrizulta li dak li qed jitkellem fuqu dan il-paragrafu huwa li l-proceduri sabiex permess jigi revokat jew modifikat li ghandhom jinbdew mic-Chairperson Eżekuttiv, madankollu it-Tribunal josserva li hekk kif indikat precedentament, huwa lBord tal-Ippjanar li jiddeciedi fuq tali kwistjonijiet hekk kif provdut fil-parti inizjali tal-Artikolu 80(1), u f'din il-parti inizjali ilparametri specifici stabbiliti ghal din il-procedura ad hoc huma stabbiliti billi jigi ndikat li dawn japplikaw ghal **"kull permess għall-iżvilupp mogħti taħt dan l-Att"**. Illi ghaldaqstant it-tifsira tal-frazi "kull permess ghall-izvilupp" indikata fl-ahhar paragrafu tal-Artikolu 80(1) ghandha dejjem tigi meqjusa fil-kuntest shih ta' dan l-artikolu, u meta jsir dan l-imsemmi Artikolu huwa applikabli ghal dawk il-permessi kollha li jkunu nhargu wara d-dhul fis-sehh tal-Kapitolu 552. Oltre min hekk, kif indikat aktar kmieni mit-Tribunal, l-Artikolu 35(3) ma jaghti l-ebda tifsira ta' dak li hemm miktub fl-Artikolu 80(1), ghaliex dan (Artikolu 35(3)) jitkellem fuq il-kontinwazzjoni tal-validita ta' permessi u ordnijiiet ohra mahruga taht l-Att precedenti, u ghalhekk il-kliem "moghti taht dan l-Att" fl-Artiklu 80(1) m'ghandu l-ebda tifsira ohra hlief dan li hemm mitkub f'dan l-istess artikolu. Illi ghaldaqstant jirrizulta li fil-kaz odjern ukoll tezisti lacuna ghaliex l-Artikolu li seta' jigi nvokat ghal revoka ta' permess mahrug qabel id-dhul fis-sehh tal-Kapitolu 552 kien l-Artikolu 77 tal-Kapitolu 504 li tahtu nhareg il-permess odjern, madankollu dan seta biss jigi ntavolat sat-3 ta' April 2016, li hija d-data specifikata fir-Regolament 9 tal-Avviz Legali numru 107 tal-2016.
It-Tribunal finalment josserva li eccezzjoni preliminari fuq l-istess kwistjoni dwar l-appikabbilta o meno tal-Artikolu 80 ghal permess deciz qabel id-dhul fis-sehh tal-Kapitolu 552 giet ukoll imressqa fl-appell numru 348/19 fil-kawza fl-ismijiet Maria Galea et. kontra l-Awtorita' tal-Ippjanar et., u bl-istess mod, it-Tribunal kif diversament kompost kien laqa tali eccezzjoni permezz tas-sentenza moghtija fit-18 ta' Novembru, 2021.

Illi ghaldaqstant, in vista tal-insenjament moghti Emanuel Mallia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u in vista tar-ragunijiet moghtija hawn fuq, dan it-Tribunal m’ghandux alternattiva hlief li jilqa’ l-eccezzjoni preliminari mressqa millpermit holder. F’dan l-istadju u in vista tal-fatt li l-eccezzjoni preliminari qed tigi milqugha, jkun inutli li l-aggravji tal-appellant jigu mistharrga ulterjorment.
Ghaldaqstant u in vista tar-ragunijiet premessi, dan it-Tribunal qed jilqa’ l-eccezzjoni preliminari tal-permit holder, jiddikjara illi l-appell huwa wiehed null u jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal applika hazin l-insenjament tas-sentenza Emanuel Mallia vs Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar billi naqas li jqis li f’dik is-sentenza kienet qed tigi kunsidrata l-effett tal-artikolu 77 tal-Kap. 504, mentri meta gie promulgat il-Kap. 552 bl-artikolu 80 li jikkorrispondi mal-artikolu 77 tal-Kap. 504 id-dicitura uzata kienet differenti u ampju bizzejjed biex tinkapsula proceduri bhal dawn mehuda a bazi tal-artikolu 80 tal-Kap. 552;

2. It-Tribunal zbalja wkoll meta qies li l-kliem fl-artikolu 80 ‘permess moghti taht dan l-Att’ ma tistax tigi mgebbda ghal permessi mahruga taht il-Kap. 504 kif inhu l-permess li qed jintalab ir-revoka tieghu. Izidu li l-artikolu 35(3) tal-Kap. 552 jghid li permessi mahruga u li ghadhom fis-sehh qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap. 552 ghandhom jibqghu jigu trattati qishom mahruga taht din l-Att.

**L-ewwel aggravju**

Dan l-aggravju ma ghandux mis-sewwa. Id-dicitura applikata fl-artikolu 80 hi cara. Fil-waqt li l-artikolu 80(1) jitkellem fuq permessi mahruga taht il-Kap. 552, il-proviso jghid li l-Executive Chairperson jista’ jibda proceduri ta’ revoka jew modifika ghal kull permess li inhareg wara d-dhul fis-sehh tal-Kap. 552. Ma hemm ebda eccezzjoni jew distinzjoni x’issir minn dak deciz fil-kawza Mallia deciza meta kien fis-sehh il-Kap. 504. Bhala fatt f’dan il-kaz il-permess li qed jintalab ir-revoka tieghu inhareg fl-10 ta’ Dicembru 2014 meta kien fis-sehh il-Kap. 504. Bl-Avviz Legali 106/2016 tal-4 ta’ Arpil 2016 dahal fis-sehh il-Kap. 552. Bl-Avviz Legali 107/2016 gie stabbilit illi d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 77 tal-Kap. 504 jibqghu fis-sehh ghal proceduri ta’ revoka jew tibdil ta’ permessi fost ohrajn li jkunu inbdew sat-3 ta’ April 2016. Il-proceduri ta’ revoka f’dan il-kaz inbdew fis-16 ta’ Ottubru 2018 u ghalhekk mhux applikabli l-Kap.

504 u anqas il-Kap. 552. Kif intqal fil-kawza Mallia, hemm lacuna fil-ligi li ma gietx indirizzata meta dahal fis-sehh il-Kap. 552.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

Dan l-aggravju wkoll ma jistax jintlaqa'. L-artikolu 35 tal-Kap. 552 jghid fost affarijiet ohra illi kull permess mahrug taht il-Kap. 504 jibqa' jkollu effett qisu sar taht il-Kap. 552 u permess b'terminu ta' validita jibqa' jkollu l-validita sat-terminu moghti fl-istess permess. Dan l-artiklu qed jirreferi biss ghal kontinwazzjoni ta' validita u sahha ta' permessi moghtija skont il-Kap. 504 u li ghal finijiet tal-Kap. 552 jibqa' jkollhom l-istess effett qishom mahruga taht il-Kap. 552. Pero dan l-artikolu ma jistax jiggebbed biex jitqies li procedura eccezzjonali ta' revoka mirquma f'regola apposta li ma thallix dubju dwar l-effett operativ taghha tigi estiza bhala parti mit-tifsira li ghandu l-artikolu 35 tal-Kap. 552.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Emanuel sive Noel Ciantar u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-11 ta' Mejju 2023, spejjez kontra l-appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur